MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 54/2012/1

**Appell Numru: 54/2012**

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Vs**

**QUEST LIMITED (C-11694)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta' Quest Ltd nhar is-27 ta' Jannar 2012 fejn ippremettiet is-segwenti:*

*"Illi l-esponenti giet notifikata b'att gudizzjarju datat 16 ta' Novembru 2011, mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-finijiet tal-Artikolu 60 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' Taxxa Addizzjonali / penali mitluba fuq it-trasferiment ta' proprjeta' gewwa Spinola, San Giljan liema trasferiment sar fit-30 ta' Lulju 2009 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-ittra ufficcjali fuq citata.*

*Illi l-esponenti qieghed jikkontesta t-talba maghmula mill-intimat a bazi tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma gietx notifikata ai termini tal-Artikolu 187(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-indirizz fejn inharget in-notifika mhux l-indirizz tas-socjeta' Quest Ltd izda ta' proprjeta' ta' bint wiehed mid-dirigenti u azzjonisti ta' l-istess u kwindi hija nulla.*

*Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi jivvanta titolu ezekuttiv hija infondata stante illi s-socjeta' Quest Ltd qatt ma rceviet jew giet notifikata b'nota ta' talba ghall-hlas kif qed jigi allegat ai termini tal-artikolu 60 A tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoi ta' dan ir-rikors."*

*Ghaldaqstant is-socjeta' Quest Ltd talbet din l-Onorabbli Qorti takkolji din l-opposizzjoni u tiddikjara t-talba maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' l-ittra ufficjali fuq citata bhala wahda nulla u infondata u dana kollu prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

*Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fit-8 ta' Frar 2012 fejn eccepixxa s-segwenti:*

*1. "Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-procedura ta' l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla in vista tal-fatt illi ir-rikors in risposta gie intavolat ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni peress illi l-ittra ufficcjali ezekuttiva in materia inharget abbazi ta' lex specjalis ossia l-Artikolu 60 A tal-*

*Att dwar it-Taxxa fuq Dokument u Trasferimenti (Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux l-Artikolu 466 tal-Kap 12.*
*2. Illi minghajr pregudizzju u dejjem in linea preliminari, it-titolu ezekuttiv ivvantat mill-esponenti fl-ittra ufficcjali bin-numru 3807/2011 fl-ismijiet premessi gie ottenut qabel u indipendentement mill-hrug ta' l-imsemmija ittra ufficcjali. Isegwi allura li l-kontestazzjoni tal-quantum ta' taxxa dovuta mis-socjeta' rikorrenti ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-ittra ufficcjali kif qieghda zbaljatament tippretendi s-socjeta' rikorrenti.*
*3. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suesport din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum ta' taxxa dovuta mis-socjeta' rikorrenti liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito u skond il-procedura stipulata bl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta).*
*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat jekk ikun il-kaz waqt is-smiegh tal-kawza.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu."*

*Dr Claudine Fenech xehdet fit-18 ta' April 2012 fejn iddikjarat illi qed tixhed ghan-nom u in raprezentanza tal-MFSA. Hija giet mitluba sabiex tesebixxi Memorandum & Articles tas-Socjeta' Quest Limited (C-11694) Hija qalet li tinsab f'posizzjoni li tesebixxi dan id-dokument liema dokument gie mmarkat bhala Dokument QL.*

*Alex Zammit xehed fit-23 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' rikorrenti flimkien ma' Patricia Ellul Sullivan u Christienne Ellul Sullivan. L-ufficju taghhom bhala registered office huwa Sullivan Shipping, Republic Street, Valletta. Huwa spjega li fis-sena 2009 is-socjeta' Quest Limited kienet bieghet xi air space mill-art taghha ta' tnax il-filata l-fuq, fuq bini diga' ezistenti San Giljan fejn hemm it-Tigulio nightclub. Huma qatt ma rcevew xi korrespondenza minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rigward dan it-trasferiment u qal illi bintu tahdem barra minn Malta.*

*Huwa spjega li l-mara tieghu kienet marret sabiex tnaddaf il-flat qabel ma' tigi tarhom it-tifla u waqt li kienet qieghda hemmhekk kien mar marixxall tal-Qorti. Il-marixxal taha xi dokumentazzjoni, liema dokumentazzjoni mbaghad il-mara ghadiethom lix-xhud. Mistoqsi jekk kienx hemm xi konnessjoni bejn Quest*

*Limited u l-propjeta' fejn kienet qieghda l-mara tieghu meta giet moghtija din id-dokumentazzjoni qal li le ma hemm l-ebda konnessjoni ta' xejn. Ix-xhud stqarr li effettivament dakinhar il-marixxall kien ghadda lill-mara tieghu kopja ta' ittra ufficcjali li abbazi taghha huwa ghamel ir-rikors odjern.*

*Ix-xhud iddikjara li jiehu hsieb kollox ta' Quest Limited, u qatt ma kien jaf li effettivament kienet saret xi valutazzjoni fuq propjeta'. Bintu jisimha Luana Zammit u l-mara jisimha Joanna. It-tifla ma ghanda xejn x'taqsam fis-socjeta' Quest Limited u l-mara naturalment ghanda sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti. Ir-registered office tal-kumpanija Quest Limited minn dejjem kien Sullivan Shipping, Republic Street, Valletta u l-binja hija maghrufa Exchange Building.*

*Rat in-nota ta' Quest Limited li giet prezentata fl-20 ta' Gunju 2012 fejn gew pprezentati zewg dokumenti li huma kopja legali ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru 2011immarkata Dok AZ1 u kuntratt datat 6 ta' Awissu 2009 immarkat Dok AZ2.*

*Rat in-nota tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) ipprezentata nhar il-5 ta' Lulju 2012 li permezz taghha gie pprezentat affidavit ta' Ivan Portelli. Ivan Portelli huwa Enforcement Manager mad-dipartiment tat-Taxxi Interni fis-sezzjoni tal-Capital Transfers Duty. Huwa stqarr, skond l-informazzjoni kontenuta fil-files tad-dipartiment, li fl-14 ta' Settembru 2009, is-sezzjoni fejn jahdem hu rceviet l-Avviz 'DDT 1' skond il-ligi anness u mmarkat bhala Dok DGT 1, fejn gie dikjarat li permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 30 ta' Lulju 2009, il-kumpanija JDG Holdings Ltd kienet qed takkwista minghand Quest Ltd "Arja mit-tieni sular u cioe testendi mill-livell tas-saqaf tal-fond okkupat mis-Sisa Supermarket, sal-gholi ta' hdax il-filata mill-livell tas-saqaf tas-Sisa Supermarket, formanti parti mill-blokk ta' bini bla numru gia maghruf bl-isem Pontecello Apartments. Liema arja fiha kejl ta' cirka hames mitt metru kwadru (500m$^2$), fi Triq Wied il-Ghomor go Spinola limiti ta' San Giljan". Din il-proprjeta' giet dikjarata b'valur totali ta' €81,528.*

*Huwa spjega li l-perit imqabbad mid-dipartiment, Alex Buontempo, wara li ghamel spezzjoni fuq il-post, iddikjara li l-valur reali tal-imsemmi fid-data meta sar il-kuntratt, kien ta' €233,000. Sussegwentament inharget notifika ta' likwidazzjoni datata 9 ta' Marzu 2010 annessa u mmarkata Dok DGT 2. L-ammont globali ta' €7,570 huwa bhala taxxa addizzjonali. Dan l-avviz intbaghat bil-posta registrata fl-indirizz indikat fil-formola DDT 1 ossija Quest*

*Ltd, 1 The Lillies, Triq il-Gog, Swieqi. Dan il-kont ta' taxxa gie filfatt servut fl-4 ta' Awissu 2010 (Dok DGT3).*

*Huwa kompla jispjega li wara l-hrug tan-notifika ta' likwidazzjoni ma saret l-ebda talba ta' oggezzjoni u ghaldaqstant il-kont sar wiehed finali w konklussiv b'titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-Att. 60A tal-Kap. 364.*

*Sussegwentament, fl-24 ta' Ottubru 2011, id-Dipartiment hareg Nota ta' Talba (Dok DGT 4) ghall-hlas lil Quest Ltd, liema nota giet servuta lil Quest Ltd permezz tal-posta registrata nhar it-28 ta' Ottubru, 2011 (Dok DGT 5).*

*Peress li ma sar l-ebda hlas fi zmien hmistax-il jum skond il-Ligi, il-Kummissarju tat-Taxxi nterpella lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ammont dovut permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-16 ta' Novembru 2011, li permezz taghha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni irrenda ezegwibbli titolu ezekuttiv l-fuq imsemmi skond il-Ligi.*

*Raymond Pace xehed fil-5 ta' Lulju 2012 fejn iddikjara li huwa kien jahdem fl-Armata ta' Malta pero' llum il-gurnata irtirat. Huwa gie muri dokument esebit fl-atti immarkat bhala dokument DGT3 u gharaf il-firma tieghu, kif ukoll ix-xhud li kien mieghu certu Spiteri u il-firma tieghu tinsab fuq l-officer delivering, Id Card Number 242856(M). Huwa spjega li l-persuna bil-karta ta' l-identita' numru 242856(M), hija l-persuna li irceviet id-dokumentazzjoni cioe' certu Patricia Sullivan. Naturalment peress li ghadda z-zmien huwa ma jiftakar xejn aktar fuq dan il-kaz. Il-kollega tieghu ta' dak in-nhar kien Joseph Spiteri.*

*Joseph Spiteri xehed ukoll fil-5 ta' Lulju 2012 fejn stqarr illi huwa kien jahdem fl-Armata ta' Malta pero' llum pensjonant. Huwa gie muri dokument DGT3 esebiet f'dawn l-atti u qal li fuq dan id-dokument, u fejn hemm miktub witness to signature qed jaghraf il-firma tieghu. Huwa kkonferma li dak in-nhar giet moghtija dokumentazzjoni lil Patricia Sullivan, Karta tal-identita numru 242856(M) fejn hemm signature of person receiving. Id-dokumentazzjoni li giet moghtija lilha kienet tikkoncerna kwistjoni ta' successjoni.*

*Patricia Ellul Sullivan xehdet fis-7 ta' Novembru 2012 fejn iddikjarat illi hija saret direttrici mas-socjeta' Quest Limited wara li kien miet ir-ragel taghha Bernard Ellul Sullivan xi ghaxar snin ilu. Ir-registered address ta' Quest Limited huwa Exchange Buildings, Republic Street, Valletta. Hija giet murija dokument esebit fl-atti a fol 57 tal-process. Hija stqarret li ma tiftakarx jekk kinitx marret ghand in-nutar meta kien sar dan it-trasferiment.*

*Ix-xhud giet mistoqsija ta' min hu l-indirizz 1, The Lillies, Triq Gorgeous, Swieqi u wiegbet li hi r-residenza ta' Alexander Zammit. Jekk ma kienetx sejra zball kien jghix fih hu. Hija spjegat li Alexander Zammit huwa d-direttur u legal representative tas-socjeta'.*

*Ix-xhud giet murija dokument a fol 61 tal-process u stqarret li ma tafx li qatt rat dan id-dokument. Fid-dokument li jinsab a fol 62 hemm il-firma taghha, pero' hija ratha stramba ghax dak iz-zmien kienet tghix go villeggatura, il-Mellieha. Hija sostniet illi ghalkemm qieghda taghraf il-firma taghha, ma tiftakarx il-gurnata meta dan id-dokument gie moghti lilha. Mistoqsija x'ghamlet bil-korrispondenza li rciviet ghan-nom ta' Quest Limited qalet li ma tifitakarx li rcivietha. Hija spjegat illi ghalkemm hi d-direttrici tas-socjeta', taf illi jiehu hsiebha Alexander Zammit. Meta hi tircievi xi dokumentazzjoni minn tas-socjeta' Quest Limited, hija tghaddiha lil Alexander Zammit. Ix-xhud sostniet illi m'ghandha ebda relazzjoni ma' Maria Luana Zammit.*

*Alexander Zammit xehed ukoll fis-7 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li huwa jigi missier Maria Luana Zammit u effettivament it-tifla tieghu tahdem fuq super yacht u fil-prezent tinsab sejra l-Amerka. Hija rari tigi hawn Malta. Huwa gie muri dokument li jinsab esebit fl-atti a fol 64 u qal illi dan jirreferi ghad-dokument ta' qablu a fol 63. Huwa ma gharafx illi dik hija l-firma ta' bintu u sostna li d-dokument a fol 63 qatt ma gie moghti lilu mit-tifla tieghu.*

*In-Nutar Charles Mangion xehed fil-5 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li generalment il-verifiki jsiru fuq it-titolu. Saritlu referenza ghad-dokument esebit fl-atti maghruf bhala l-avviz tat-trasferiment a fol 57 u qal li l-kumpanija in kwistjoni kienet Quest Limited. Huwa spjega li bhala kuntratt li jinteressah huwa li l-kopja tasal ghand l-individwu u ghalhekk jitolbu l-indirizz tieghu u fejn jixtieq li tasallu l-kopja u ghalhekk mhux necessarjament tkun ir-registered office tal-kumpanija.*

*Mistoqsi jekk jiftakarx min kien deher ghan-nom ta' Quest Limited fuq il-kuntratt, wiegeb li jafu di vista u li huwa s-sur Zammit prezenti fl-Awla. Mistoqsi jekk staqsiehx biex jaghtih kopja tal-memorandum and articles, qal li generalment dawk igibuhom huma, sabiex jassiguraw ir-rapprezentanza ta' tali kumpanija. Huwa ma jiftakarx x'kien ir-registered address tal-kumpanija ghax ma tantx jinteressah. Li jinterresah hu fejn ghandu jibghat il-kopja tal-att. Huwa stqarr li l-indirizz li kellu biex jibaghat dan l-att, kien gie moghti lilu mis-sur Zammit.*

*Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti sabiex tannulla l-att gudizzjarju konsistenti f'ittra ufficcjali numru 3807/2011 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Inerni vs Quest Ltd, liema ittra gietipprezentata mill-intimat nhar is-16 ta' Novembru 2011 u inharget ai fini tal-Artikolu 60 tal-Kap 364 in konnessjoni ma' Taxxa Addizzjonali mitluba fuq it-trasferiment ta' proprjeta' gewwa Spinola, San Giljan liema trasferiment kien sar fit-30 ta' Lulju 2009 kif irrizulta mid-dokument anness mal-ittra ufficcjal gja imsemmija, u dan ghaliex fil-fehma taghha it-talba tal-intimat ma gietx notifikata ai termini tal-Artikolu 187 (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-indirizz fejn inharget in-notifika mhux l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti izda huwa l-indirizz ta' bint wiehed mid-dirigenti ta' l-istess kumpanija attrici certu Luana Zammit. In oltre sostniet li hija qatt ma kienet irceviet talba ghall-hlas kif qed jigi allegat mill-intimat u dan kuntrarjament ghal dak li jitlob l-Artikolu 60A tal-Kap 364.*

*Illi l-intimat isostni li t-titolu ezekuttiv li ghandu gie ottenut qabel u independentement mill-hrug tal-ittra ufficcjali 3807/2011 u ghalhekk illum il-gurnata il-kontestazzjoni tal-quantum tat-taxxa dovuta mis-socjeta' rikorrenti ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-ittra ufficcjali kif qieghda zbaljatament tippretendi is-socjeta' rikorrenti. Sostna wkoll li din il-Qorti m'ghandhiex il-vires sabiex tissindika il-quantum ta' taxxa dovuta izda din ghandha issir skond il-procedura stipulata fl-istess Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi bhala fatti jirrizultaw ir-segwenti:*

*1. Illi fit-30 ta' Lulju 2009 is-socjeta' rikorrenti bieghet air space li kellha 'from second floor level of Spinola Complex, Beach Street c/w Triq Wied il-Ghomor, Spinola l/o San Giljan' u dan skond in-notice of assessment esebit fl-atti a fol. 48.*

*2. Illi fl-14 ta Settembru 2009 is-sezzjoni tal-Capital Transfers Duty fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi irceviet in-notice of inter vivos transfer ta' proprjeta' immpobbli u cioe' l-avviz DDT immarkat bhala Dok DGT 1 esebit a fol 57 fejn l-arja giet dikjarata b'valur totali ta' Ewro 81,528.07.*

*3. Illi d-dipartiment kien baghat lill-perit taghha sabiex jaghmel spezzjoni u jghid jekk il-valur moghti mill-partijiet kienx wiehed reali u skond l-valur moghti u l-valur reali kien ta' Ewro 233,000.*

*4. Skond l-Artikolu 52 tal-Att dwar Taxxa fuq dokumenti u Trasferimenti inharget notifika ta' likwidazzjoni datata 9 ta' Marzu 2010 immarkata bhala Dok DGT 2 b'ammont globali ta' sebat elef, hames mija u sebghin Ewro (€7,570) bhala taxxa addizzjonali.*

*5. Inghad li dan l-avviz intbaghat bil-posta registrata fl-indirizz indikat fil-formola DDT 1 ossia Quest Limited 1, The Lilies, Triq il-Gogi Swieqi. Dan gie servut allegatament fl-4 ta' Awwissu 2010 skond Dok DGT 3 fol. 62.*

*6. Illi peress li ma saret l-ebda talba ghall-oggezzjoni dan il-kont sar wiehed finali u konklussiv b'titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-Artikolu 60A tal-Kap 364.*

*7. Illi nhar it-2 ta' Ottubru 2011 id-Dipartiment hareg Nota ta' Talba ghall-hlas (Dok DGT 4 a bazi tal-Artikolu 60A tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta liema nota giet servuta lil Quest Ltd bil-posta registrata fit-28 ta' Ottubru 2011 fl-istess indirizz ta' 1, The Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi (vide dok DGT 5).*

*8. Skond l-intimat, u mhux kontestat mir-rikorrenti, ma sar l-ebda hlas fi zmien hmistax-il jum kif tipprovdi il-ligi u ghalhekk l-intimat interpella lis-socjeta' rikorrenti permezz tal-ittra ufficcjali fuq indikat nhar is-16 ta' Novembru 2011 li permezz taghha l-intimat irrenda esegwibbli it-titolu esekuttiv fuq imsemmi.*

*9. Jinghad li din l-ittra ufficcjali giet notifikata lis-socjeta' rikorrenti fl-indirizz 1, The Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi u ir-riferta thalliet f'idejn bint l-azzjonarju Alexander Zammit certu Luana Zammit*

*10. Jinghad ukoll li din Luana Zammit tghix barra minn Malta u m'ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' rikorrenti fis-sens li m'ghandha l-ebda ishma f'din is-socjeta' u lanqas ma tokkupa xi kariga fiha.*

*11. Illi minn ezami tal-Memorandum & Articles tas-socjeta' rikorrenti esebit fl-atti a fol 13 immarkat bhala Dok QL jirrizulta li l-ufficcju tal-kumpanija huwa The Exchange Buidings, Republic Street, Valletta filwaqt li jirrizulta wkoll li l-indirizz tal-azzjonarju Alexander Zammit huwa 'Razzett San Pawl' Triq Sana Katerina l/o Madliena.*

*12. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tan-Nutar Charles Mangion illi huwa pogga l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti bhala 1, The Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi mhux ghax kien jaf li dan huwa l-indirizz ufficcjali tas-socjeta' rikorrenti izda ghaliex huwa kien talab lil Alexander Zammit fejn kellu jibghatlu kopja tal-kuntratt li kien irrediga u kien minn hemm li ha dan l-indirizz u mhux ghaliex ghamel xi tfittxija mal MFSA.*

*Dwar il-fatti fuq esposti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.*

*Il-pern tal-kwistjoni hi jekk in-notifika li saret tad-dokument notice of Assessment esebit fl-atti a fol 61 immarkat bhala Dok DGT 2 u in segwitu tal-ittra ufficcjali esebita a fol. 45 immarkata bhala Dok AZ1 gewx notifikati lis-socjeta' rikorrenti skond il-ligi u jekk allura tali notifika hix wahda valida.*

*Fl-ewwel lok issir referenza ghad-dokument DGT 2 ghar-rigward in-notifika li saret u cioe fil-fond 1, The Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi.*

*L-Artikolu 73(2) tal-Kap. 406 jghid li:*

*Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kag ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta: izda cheque jew cedola impostati mill-Kummissarju ghandu jitqies li jkun hlas ta' dak l-ammont maghmul fid-data meta jkun gie impostat."*

*L-Artikolu 73(3) tal-Kap. 406 jghid li:*

*"Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju."*

*Kwindi kien jispetta lil Alexander Zammit jissodisfa lill-Qorti illi l-indirizz ta' Swieqi fejn giet mibghuta n-notice of Assissment Dok DGT 2 ma hux l-indirizz la tas-socjeta' rikorrenti u lanqas dak privat tieghu. Dan ir-rikorrenti ghamlu*

*billi ipprezenta il-Memorandum & Articles and Association tramite Dr Claudine Fenech rapprezentant tal-MFSA minn fejn jirrizulta li l-indirizz tas-socjeta' huwa dak imsemmi aktar 'il fuq u cioe' The Exhange Buildings, Republic Street, Valletta u l-indirizz tal-azzjonarju Alexander Zammit huwa dak gewwa il-Madliena. M'hemmx dubbju ghalhekk li r-registered office tas-socjeta' rikorrenti mhux dak indikat fil-formula mimlija minn Nutar Mangion izda huwa dak indikat fil-Memorandum & Articles.*

*La darba ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti ma gietx notifikata kif imiss, huwa naturali li naqset li topponi ghat-talba ghal hlas fiz-zmien li taghtiha l-ligi u kwindi l-ammont mitlub mid-Dipartiment li effettivament sar titolu ezekuttiv ghal finijiet kollha tal-ligi m'ghandux ikollu validita'.*

*Jinghad ukoll li skont is-subart. 59(1) tal-Att XII tal-1994, kull direttur ta' kumpanija ghandu jitqies bhala rapprezentant ta' dik il-kumpanija u allura skond is-subart. 59(3) u s-subart. 59(5) tal-Att fuq citat, dan ghandu l-istess responsabbilita' ghar-rigward l-obbligazzjonijiet imposti minn dak l-Att fuq il-kumpanija, anzi responsabbilita' solidali maghha ghall-hlas ta' kull taxxa, sew dik dikjarata jew stmata fil-perjodu li hu jitqies bhala rapprezentant.*

*In vista ta' dan l-Artikolu, ghalhekk il-Qorti ezaminat l-atti u rat li lanqas fejn giet mibghuta in-Notice of Assessment huwa l-indirizz ta' bint l-azzjonarju Alexander Zammit certu Luana Zammit li tghix barra minn Malta u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li Alexander Zammit gie notifikat fl-indirizz privat tieghu.*

*Illi r-regoli tan-notifika b'mod generali huma dawk misjuba fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u appuntu huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 187 tal-Kap 12, liema artikolu, fis-subartikolu (1) tieghu jipprovdi li:*

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta'l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha"*

*Illi, l-Artikolu 187(1) jfisser kif, lil min u fejn għandha ssir in-notifika biex titqies li hija waħda valida u kif għandha tkun. Dwar il-persuni li għandhom jista' jitħalla l-att ġudizzjarju, il-liġi ssemmi lil membru tal-familja tal-persuna*

*li lilha jkun indirizzat l-att, jew membru tad-dar fejn tgħammar dik il-persuna, jew xi ħadd fis-servizz ta' dik il-persuna, jew inkella f'idejn prokuratur jew persuna awtorizzata biex f'isem dik il-persuna tilqa' l-att. F'kull kaz bħal dan, il-persuni li l-ligi tqis li jistgħu jilqgħu n-notifika.*

*Jirrizulta li anke ai fini ta' dan il-provediment generali il-fatti odjerna ma jissodisfawx ir-rekwisiti tieghu ghaliex in-notifika kemm tan-Notice of Assessment kif ukoll tal-ittra ufficcjali saret f'indirizz li m'ghandu x'jaqsam xejn mas-socjeta' rikorrenti.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara li n-notifika li saret fir-rigward tan-Notice of Assessment u sussegwentement tal-ittra ufficcjali esebita a fol. 45 tal-atti ma sarux skond il-Ligi u konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici billi tiddikjara li n-notifika li saret tan-Notice of Assessment u tal-ittra ufficcjali numru 3807/2011 nulli u bla effett.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront tas-sentenza appellata l-appellanti Direttur Generali (Taxxi Interni) gja Kummissarju tat-Taxxi Interni essenzjalment jilmenta:

1. illi l-Qorti tal-Magistrati naqset li tiehu konsiderazzjoni tal-artikolu 61 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni ma'l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12, u minflok irreferiet ghal-Kapitolu 406 (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li mhijiex il-ligi specjali applikabbli ghal dan il-kaz.
2. illi il-Qorti tal-Magistrati kienet skorretta fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni taghha tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel mal-Qorti tghaddi biex titratta l-aggravvji sollevati mill-appellanti thoss li huwa doveruz li jigi premess illi l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi fl-artikolu 61 tieghu

il-mod kif ghandha issir in-notifika tal-Avviz ta’ Likwidazzjoni meta tghid: “***Avviż mogħti mill-Kummissarju għall-finijiet ta’ dan l-Att għandu jiġi notifikat lill-persuna li lilha jkun indirizzat jew personalment jew billi jintbaghat bil-posta registrata fl-indirizz tan-negozju jew privat taghha l-ahhar maghruf.”***

Is-sub-inciz 2 imbaghad ikompli***: “Fil-każ ta’ servizz b’posta reġistrata, kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, l-avviż jitqies li ġie notifikat: (a) fil-każ ta’ persuna li tirrisjedi f’Malta, mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jiġi impostat; (b) fil-każ ta’ persuna li ma tkunx hekk tirrisjedi, fil-jum li jiġi wara dak li fih l-avviż kien jiġi riċevut normalment bil-posta***.”

Illi allura id-Direttur appellanti ghandu ragun meta jishaq illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghal-ligi zbaljata ghaliex t-talba imressqa ‘il quddiem mis-socjeta appellata bis-sahha ta’l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kienet titratta Avviz ta’ Likwidazzjoni u Avviz ta’ Talba ghall-Hlas mahruga ai termini tal-Kapitolu 364 in konnessjoni ma’ trasferiment ta’ proprjeta immobbli u mhux avviz taht il-Kapitolu 406, kif applikat mill-Ewwel Qorti. Illi l-Avviz mertu ta’ dina l-kontestazzjoni u cioe’ l-avviz ta’ talba ghall-hlas mahrug ai termini ta’l-artikolu 60A ta’l-Att, kif ukoll l-ittra ufficjali gew indirizzati lis-socjeta appellanti Quest Limited u innotifikati fl-indirizz 1, the Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi. Illi ghalkemm mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija esebiet in atti jirrizulta illi r-*registered office* tal-kumpanija huwa the Exchange Buildings, Republic Street, Valletta, madanakollu fil-formola DDT1 esebieta in atti jidher illi fis-sezzjoni intitolata “**Particulars of the parties**”, l-indirizz tas-socjeta gie indikata bhala 1, The Lilies, Triq il-Gogi, Swieqi. Dana necessarjament ifisser allura l-ahhar indirizz postali maghruf ghad-Direttur kien appuntu l-indirizz fis-Swieqi, li jirrizulta li kienet ir-residenza ta’ wiehed mid-diretturi tas-socjeta u cioe’ ta’ Alexander Zammit li skont Patricia Ellul

Sullivan, li hija ukoll direttur tal-kumpanija, huwa ukoll ir-rapprezentant legali ta'l-istess socjeta.

Illi gialdarba, allura, id-Direttur appellanti irnexxielu iressaq provi sufficjenti illi dina l-procedura stabbilita fl-artikolu hawn fuq iccitat giet segwita, l-oneru tal-prova qaleb ghal fuq s-socjeta appellata sabiex tipprova illi fil-fatt hija ma ircevietx l-Avviz ikkontestat. Il-fatt illi issir allegazzjoni illi l-avviz jew l-ittra ufficjali ma tkunx giet indirizzata kif trid il-ligi ma ifissirx per konsegwenza illi dik in-notifika hija invalida, izda illi tonqos il-presunzjoni stabbilita fil-ligi fiskali tan-notifika u allura it-*taxpayer* imbaghad irrid iressaq provi illi tali avviz ma giex fil-fatt ikkonsenjat lilu. Illi ghalhekk is-socjeta appellata kien jenhtieglha tipprova illi l-avviz qatt ma gie ikkonsenjat lilha, haga li naqqset milli taghmel. Dana ghaliex fl-ewwel lok, b'referenza ghall-avviz tat-talba ghal hlas qatt ma tressqet Luana Zammit sabiex tixhed dwar il-firma taghha li tidher fuq ir-riferta tan-notifika bil-posta registrata u ukoll billi mid-Dokument MLZ esebiet a fol.84 jirrizulta illi id-dettalji tal-karta ta'l-identita taghha u il-firma jikkombacjaw ma' dak indikat fuq l-imsemmija riferta. Illi, fit-tieni lok, mir-rikors promotur jirrizulta *ex admissis* illi s-socjeta appellanti giet innotifikata bl-att gudizzjarju tas-16 ta' Novembru 2011 anke ghaliex jidher illi l-istess thalliet f'idejn Joanna Zammit li hija mart id-direttur tas-socjeta Alexander Zammit.

Kwindi s-socjeta appellata ma tistax tikkontesta l-validita tan-notifika. Dan ghaliex kif inghad, hija issostni illi qatt ma irceviet l-avviz tat-talba ghal hlas u tieqaf hemm. Dan ma huwiex bizzejjed. Kieku kellha tigi accettata tali sitwazzjoni jispicca l-valur tal-ittri registrati u jkun facli li wiehed jevadi li jircevi ittri simili billi ighid semplicement illi dina l-ittra ma wasslitlux jew li jindika indirizz zbaljat lid-Dipartiment. Illi dana il-hsieb kien gie imfisser f'sentenza antika tal-Qorti fejn inghad:

"*F'xi ligijiet specjali, aktarx recenti u modellati fuq legislazzjoni Ingliza, hemm mahluqa, dwar ittri mibghutin bil-posta u specjalment ittri registrati, certi presunzjonijiet rigward ir-ricezzjoni taghhom. Xi drabi dawn il-presunzjonijiet huma prima facie ta' prova kuntrarja u xi drabi konluzivi. .... Jista forsi jinghad illi ghalina wkoll tapplika dik il-prezunzjoni generali li fis-sistema probatorju Ingliz titwieled minn dak li jghidulu ir-regular course of business in a public office, bazata fuq il-probabbilita li dak li jsir u jigri s-soltu sar u gara wkoll fil-kaz. Bis-sahha ta' din il-prezunzjoni, anki apparti minn kull disposizzjoni statutorja, fl-Ingilterra, huwa ritenut illi if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time and to have been received by the person to whom it was addressed (ara Taylor – Law of Evidence)*[1].

Illi allura dina l-Qorti hija tal-fehma illi gjaldarba l-ahhar indirizz postali indikat mis-socjeta appellata fil-formola DDT1 ma kienx r-*registered address* tas-socjeta, izda kien appuntu l-indirizz gewwa s-Swieqi, li *del resto* huwa l-indirizz tar-residenza tad-direttur u rappresentant legali ta'l-istess socjeta Alexander Zammit, u gjaldarba jirrizulta mir-riferti tan-notifiki illi dawn thallew f'idejn bint u mart dan l-istess Alexander Zammit kwindi abbazi ta' dak stipulat fl-artikolu 187(4) u (1) u l-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in-notifika hija wahda valida u legali. Kieku din il-Qorti kellha tikkonkludi mod iehor ikun ifisser illi t-*taxpayer* ikun qieghed jigi moghti il-jedd illi jindika indirizz falz fuq tali formoli sabiex jevita l-imposizzjoni fiskali dovuti minnu. Kwindi fid-dawl ta' dak hawn fuq espost, l-aggravvji imressqa mid-Direttur appellanti jisthoqqu akkoljiment u billi jidher illi s-socjeta appellata qieghda tattakka l-ittra ufficjali mertu tar-rikors mhux biss fuq bazi procedurali, izda

[1] Francis Vella vs Carmel Caruana deciza 05/06/1959; ara ukoll A.B. vs Joseph Mifsud Bonnici MBE bhala Kummissarju tat-Taxxi Interni Appell 15/06/1966

ukoll fuq bazi fattwali, l-atti ser jigu mibghut lill-Ewwel Qorti sabiex hemmhekk tkompli tigi trattat u definita dina l-vertenza.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost, ghaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata, tirrimanda l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex hemmhekk tkompli tigi trattata u definita it-talba tas-socjeta appellata fid-dawl ta’l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mid-Direttur appellanti.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------